MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Numru. 742/2002

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef-Grimaud)
vs
David Camilleri, iben Anthony,
imwieled il-Ħamrun fil-31 ta'
jannar, 1945

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, bejn il-21 ta' frar, 2000 u l-10 ta' lulju, 2001, bħala propjetarju jew amministratur tal-fond, China House Restaurant, li jinsab f'numru 8, Triq Spinola, San Ġiljan, b'azzjonijiet differenti, bi ksur ta' l-istess dispozizzjonijet tal-liġi u magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. ikkometta serq ta' kurrent elettriku li jammonta għal Lm1,287.26 għad-dannu
tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-valur;

2. volontarjament għamel ħsara jew kisser xi parti minn xi meter ta' l-elettriku, jew siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-siġilli tagħhom, liema ħsara tammonta għall-tletin lira maltin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-liġi, f'każ ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' jannar, 2003 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni u li mhemmx aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(b)(ċ), 264, 267, 278(1)(2) u 326(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.  Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm66.81 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------